# Beati u Qaddisin....Ottubru

## Santa Fawstina  5 ta' Ottubru

Is-soru li tkellmet fuq il-hniena divina u ghaqlin ahna jekk naghmlu uzu minn din il-grazzja t'Alla. Mwielda go villagg pollakk u mghammda bl-isem ta' Elena kienet it-tielet wild minn ghaxra tal-familja Kowalski. Ommha kien jisimha Marianna u missierha Stanislaw. Kienu bdiewa fqar gol-Polonja maqsuma bejn tlett imperi, dak russu, dak tedesk u dak awstrjak. Ghamel tlett snin skola u hasbet biex tidhol soru, hsieb li kien ibberren f'mohha sa minn ckunitha. Imma kien biss f'Awissu tas-sena 1925 li setghet taghmel dan. Dahlet fil-kunvent tas-sorijiet tal-Vergni tal-Hniena gewwa Varsavia u hadet l-isem ta' Maria Faustina. Kienet taghmel xoghlijiet diversi, bhal dak ta' koka, giardinara, purtinara f'diversi kunvent li kienet tintbaghat. Kienet tara hafna vizjonijiet li l-konfessur taghha kien jghidilha biex izomm nota taghhom fi djarju li aktar tard gie tradott f'hafna lingwi.



Kitbet li biex wiehed jasal ghall-perfezzjoni ried ikun maghqud intimament ma' Alla u mhux ghax jircievi xi "grazzji, rivelazzjonijiet jew estasi."

Dawn iservu biss bhala toroq ta' l-istedina divina biex wiehed jersaq aktar qrib lejn Alla.    Hadmet bla heda biex ixxerred id-devozzjoni lejn il-Hniena Divina t'Alla li minnha gej kull gid u barka. Mietet ta' 33 sena gewwa Krakovia u giet bejatifikata fis-sena 1993 u proklamata qaddisa fis-sena 2000 mill-Papa Gwann Pawlu II. Il-fdalijiet taghha jinsabu gewwa Krakovia - Lagiewniki, fis-santwarju tal-Hniena Divina